**Ġużeppi fl-istorja tal-Milied**

Kull meta tasal il-festa tal-Milied
Arani nidħol fil-kappella fl-isptar,
Biex nittawwallek xi ftit O Ġużeppi
Wara li nagħti titwila ‘l min hu n-nar.

U dejjem hekk insibek fil-presepju
Li għandna fuq it-tarġa quddiem l-altar,
Inħares lejn għajnejk w narahom sewwa
B’dik il-ħarsa miksura ta’ min jaf x’sar.

Anki jien Ġużeppi, naħbat nitnikket
Meta narak hekk bil-wisq inti ħosbien,
Emminni naħsel nemmen li kont l’isfel
Għax dak li qallek għamlek għajjien.

Imma xorta ħadt deċiżjoni kbira
Li temmen avolja int ma stajtx tifhem,
Kif Marija tqalet qabel ġiet miegħek
Biex taqsam ħajjitha, kemm kellek x’tiżen.

Bqajt miexi b’dak kollu li għaddejt minnu
Tfajt wara spallejk dil-biċċa xogħol iebsa,
U fid-dalma ta’ dak kollu li għaddejt
Bqajt tgħid f’kull ħin il-kbira IWA ħielsa.

Għalhekk nista’ narak tiġri fis-swali
U toqgħod ħdejk dawk li qegħdin imutu,
Ħalli b’talbek jaslu jintreħew f’idejH
Fi Kristu Sidna li jsejħilna ħutu.

Idħol, titnikkirx nitolbok bil-ħerqa
Għall-familji tagħna li mkissra bl-inkwiet,
Talbek qed ifittxu ħalli jissaħħu
Bħalek Ġużeppi fl-istorja tal-Milied.

Patri Mario Attard OFM Cap
20 ta’ Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.